



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11508/24

AELE 70
EEE 36
N 65
ISL 44
FL 47
AND 12
MC 6
SM 12
FEROE 1
MI 638

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 11133/24 INIT	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE u mal-Gżejjer Faeroe

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE u mal-Gżejjer Faeroe kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-25 ta' Ġunju 2024.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR SUQ INTERN IMKABBAR OMOĠENJU
U R-RELAZZJONIJIET TAL-UE MA' PAJJIŻI TAL-EWROPA TAL-PUNENT LI
MHUMIEX FL-UE U MAL-GŻEJJER FAEROE**

1. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill ivvaluta l-istat ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li ġejjin li mhumiex membri tal-UE: l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja, il-Prinċipat ta' Andorra, ir-Repubblika ta' San Marino, u l-Prinċipat ta' Monaco. Il-Kunsill ivvaluta wkoll l-istat tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Gżejjer Faeroe bħala pajjiż awtonomu fir-Renju tad-Danimarka u li għalih ma japplikawx it-trattati tal-UE.
2. Il-Kunsill ser jivvaluta mill-ġdid l-istat ta' dawn ir-relazzjonijiet fi żmien sentejn, kif adatt, fil-kuntest tat-twessigħ tas-suq intern. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-ħidma li għaddejja dwar it-tkabbir futur tal-Unjoni Ewropea. Huwa jieħu nota wkoll tar-relazzjoni mal-Konfederazzjoni Żvizzera, li għaliha l-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza negozjati dwar pakkett wiesa' fit-12 ta' Marzu 2024.

IL-ĠIRIEN TAL-UNJONI EWROPEA MILL-EWROPA TAL-PUNENT

3. Il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE huma s-sħab l-aktar qrib tal-UE fil-bini ta' Ewropa aktar b'saħħitha, ekoloġika, sigura, kompetittiva u prospera, ibbażata fuq il-kooperazzjoni, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill ifakkar il-valur u l-importanza li l-UE tagħti lir-relazzjonijiet ma' dawn is-sħab qrib kollha tal-istess fehma li huma integrati ħafna mal-UE. Il-kooperazzjoni fit-tul tagħna hija bbażata fuq valuri u interessi fundamentali kondiviżi u mirfuda mill-wirt kulturali u l-istorja komuni tagħna, kif ukoll rabtiet kulturali u ġeografiċi b'saħħithom.
4. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-għaqda rigward il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa jfaħħar ir-rata għolja ta' allinjament tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja mad-dikjarazzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill jilqa' d-deċizzjonijiet meħuda minn Andorra, San Marino u Monaco, kif ukoll il-Gżejjer Faeroe, biex jimplimentaw miżuri restrittivi ekwivalenti. Huwa jesprimi wkoll apprezzament għal azzjonijiet oħra f'konformità ma' dawk mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiġġieldu l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż f'fora multilaterali, li juru s-sħubija eċċellenti u mill-qrib bejn l-UE u l-ġirien tagħha tal-Ewropa tal-Punent ukoll f'dan il-qasam.
5. L-integrazzjoni ekonomika fil-qafas tas-suq intern imkabbar tal-UE tgħaqqad flimkien l-Unjoni Ewropea u l-ġirien tal-Punent tal-Ewropa saħansitra aktar u tenfasizza l-interdipendenza tal-prosperità u s-sigurtà ekonomika futuri tagħna. Fl-aħħar sentejn, relazzjonijiet mill-qrib issaħħu aktar permezz ta' għadd ta' inizjattivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma strateġiċi.
6. Il-Kunsill itenni li s-saħħa tal-integrazzjoni ekonomika tagħna tiddependi fuq ir-rispett sħiħ tal-erba' libertajiet tas-suq intern, f'relazzjoni li għandha tkun ibbażata fuq bilanċ ta' drittijiet u obbligi, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Għaldaqstant hija r-responsabbiltà tal-istati kollha li qed jipparteċipaw diġà jew li jixtiequ jżidu l-livell tal-parteeċipazzjoni tagħhom fis-suq intern imkabbar li jiżguraw l-integrità u l-omoġeneità tiegħu, kif ukoll ir-rispett sħiħ tal-ugwaljanza ta' drittijiet u obbligi kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji. Pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni li ma għandhomx l-istess obbligi tal-membri, ma jistax ikollhom l-istess drittijiet u jgawdu mill-istess benefiċċji tal-membri.

7. Il-Kunsill huwa impenjat bis-sħiħ li jżid l-isforzi globali kollettivi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, jiġu segwiti t-tranżizzjoni tal-enerġija sostenibbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-mobilità sostenibbli, l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni diġitali u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ambjent b'mod ġenerali. Il-kooperazzjoni mill-qrib kontinwa bejn l-UE u l-eqreb sħab tal-Ewropa tal-Punent tagħna li mhumix fl-UE dwar dawn il-kwistjonijiet hija ta' importanza ewlenija.
8. Il-Kunsill jinnota l-kooperazzjoni eċċellenti f'oqsma tal-azzjoni esterna tal-UE bħall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), l-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u jenfasizza l-importanza ta' dialogu politiku mill-qrib u sistematiku dwar kwistjonijiet tal-politika ta' interess reċiproku. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament qawwi tiegħu għall-allinjament ta' livell għoli tal-eqreb sħab tiegħu tal-Ewropa tal-Punent li mhumix fl-UE mal-istrumenti u l-pożizzjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, l-appoġġ qawwi għall-pożizzjonijiet tal-UE fil-livell multilaterali, u l-miżuri restrittivi imposti wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jistenna b'interess il-kontinwazzjoni ta' dan l-allinjament qawwi mad-dikjarazzjonijiet tal-PESK u l-miżuri restrittivi li huwa kruċjali għall-unità Ewropea u s-sigurtà globali. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet.
9. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li titkompla u tissaħħa il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali bejn l-UE u s-sħab tagħha tal-Ewropa tal-Punent li mhumix fl-UE biex ikomplu jsaħħu l-ordni dinji multilaterali u bbażat fuq ir-regoli u jaħdmu b'mod konġunt fuq kwistjonijiet ta' prijetà kondiviżi, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u s-sigurtà, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
10. Minħabba l-prossimità ġeografika u politika tagħhom, l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha tal-Ewropa tal-Punent li mhumix fl-UE jiffaċċaw sfidi komuni ta' sigurtà u jiddependu minn xulxin f'dak li jirrigwarda l-iżgurar tal-istabbiltà nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, nissottolinjaw l-importanza tal-kooperazzjoni u l-appoġġ reċiproku fil-qasam tas-sigurtà tal-provvisti u l-infrastruttura tal-enerġija, inkluż il-kwistjonijiet li jiġu żgurati prezzijiet tal-enerġija affordabbli fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

11. Il-Kunsill jilqa' bis-sħiħ il-kooperazzjoni tal-UE mal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u jistenna b'interess li jiżviluppa rapporti iktar mill-qrib ma' Andorra u San Marino f'dan ir-rigward.
12. Il-Kunsill jieħu nota tal-azzjonijiet unilaterali meħuda minn xi partijiet u l-isfidi konsegwenti għall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal. Iż-żamma tal-benefiċċji ekonomiċi importanti li jagħtu dawn l-istokkijiet, u l-evitar ta' sfruttament iżżejjed u t-tnaqqis sussegwenti tal-istokkijiet, jeħtieġu li b'mod urġenti jiġu maqbula reġimi ta' ġestjoni komprensivi, responsabbli u sostenibbli, li jinvolve l-Partijiet kollha b'responsabbiltà għall-ġestjoni ta' dawn l-istokkijiet, fosthom in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe.

L-IŻLANDA

13. L-Iżlanda hija sieħba importanti u affidabbli. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Iżlanda f'oqsma bħar-riċerka, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, l-enerġija, il-kummerċ, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, il-politika estera u ta' sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż fil-fora internazzjonali, u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. L-UE tapprezza r-rata għolja kontinwa ta' allinjament tal-Iżlanda mal-UE fil-qasam tal-PESK.
14. Il-Ftehim ŻEE jibqa' l-pedament tar-relazzjonijiet tagħna. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jixtieq ifaħħar lill-Iżlanda għall-isforzi tagħha biex iżżid l-enfasi fuq il-funzjonament tajjeb taż-ŻEE kif ukoll l-isforzi tagħha f'dawn l-aħħar snin biex jitnaqqas id-defiċit ta' traspożizzjoni taż-ŻEE.
15. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tajba mal-Iżlanda dwar il-governanza taż-żona Schengen u japprezza l-impenn affidabbli tal-Iżlanda għall-applikazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen u dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) li jmiss u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS).
16. Il-Kunsill ifaħħar lill-Iżlanda għall-presidenza b'suċċess tagħha tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa minn Novembru 2022 sa Mejju 2023, u għar-rwol tagħha fl-istabbiliment tar-Reġistru tad-Danni Kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz ta' Ftehim Parzjali Estiż. Il-Kunsill ifaħħar il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Iżlanda u l-UE fil-Kunsill tal-Ewropa, u l-importanza li kemm l-Iżlanda kif ukoll l-UE jagħtu lit-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

17. Il-Politika tal-UE dwar l-Artiku li tiffoka fuq it-tibdil fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni internazzjonali turi l-interess qawwi tal-Unjoni li tibni fuq, u tiżviluppa aktar, l-impenn transsettorjali eżistenti tagħha fl-Artiku. L-Iżlanda hija sieħba mill-qrib u affidabbli dwar kwistjonijiet tal-Artiku u l-Kunsill jistenna b'interess li jintensifika din is-sħubija speċjali b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà, l-azzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Huwa jilqa' l-appoġġ qawwi kontinwu tal-Iżlanda biex l-UE tingħata status ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku u għall-parteċipazzjoni tal-UE f'fora rilevanti.
18. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tajba mal-Iżlanda dwar is-sajd u l-affarijiet marittimi, inkluż fil-kuntest tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), u jistenna b'interess il-kontinwazzjoni ta' dan l-impenn pożittiv. Il-Kunsill jirrikonoxxi li huwa fl-interess reċiproku tagħna li nsaħħu r-relazzjonijiet bilaterali tagħna dwar is-sajd u nistabbilixxu qafas kooperattiv biex nippromwovu approċċ koordinat u niffaċilitaw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni li ser jappoġġaw il-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet kondiviżi.
19. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għaż-żamma tal-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni, stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni (IWC) u għall-elenkar ta' ċetaċċi u speċijiet oħra tal-baħar skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES). Il-Kunsill itenni l-appell tiegħi lill-Iżlanda biex tirtira r-riżerva tagħha dwar il-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni stabbilit fil-qafas tal-IWC u r-riżervi tagħha fil-qafas tas-CITES għal dawn l-ispeċijiet u speċijiet oħra tal-baħar.
20. Il-Kunsill jilqa' l-wegħda tal-Iżlanda li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tilħaq in-newtralità karbonika sal-2040 u jinkoraġġixxi l-progress lejn it-twettiq tal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi. Fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika, l-UE tistenna b'interess it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Iżlanda u l-iskambju ta' għarfien espert dwar l-enerġija rinnovabbli u teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-idroġenu u l-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Iżlanda ngħaqdet mal-Wegħda Globali mmexxija mill-UE biex tirdoppja t-titjib annwali fl-effiċjenza enerġetika u t-triplikar tal-użu tal-enerġija rinnovabbli sal-2030 fil-COP 28.

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN

21. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Liechtenstein b'ħala sieħeb importanti u affidabbli għadhom tajbin ħafna, dinamiċi, u komplew jiġu approfonditi u diversifikati mill-2022. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni eċċellenti kontinwa mal-Liechtenstein fl-oqsma koperti mill-Ftehim taż-ŻEE u s-sistemi ta' Schengen u Dublin, kif ukoll f'oqsma oħra. Il-Kunsill jilqa' r-rati ta' traspożizzjoni għoljin u affidabbli tal-Liechtenstein fiż-ŻEE u japprezza b'mod partikolari l-isforzi mmirati biex jiġu indirizzati b'mod konġunt l-isfidi komuni, inkluż it-tranżizzjoni diġitali u t-tibdil fil-klima. Huwa jqis utli li jiġu diskussi aktar l-aħjar Prattiki mal-Liechtenstein f'oqsma ta' interess reċiproku, bħar-reġimi regolatorji tal-blockchain.
22. Il-Kunsill japprezza ż-żamma ta' rata għolja ta' allinjament tal-Liechtenstein mal-UE fil-qasam tal-PESK.
23. L-involviment li għaddej tal-Liechtenstein f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, f'oqsma bħall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja kriminali internazzjonali, jagħmel lil-Liechtenstein sieħeb affidabbli u impenjat għall-UE. Il-Kunsill ifaħħar ukoll il-presidenza b'suċċess tal-Liechtenstein tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa minn Novembru 2023 sa Mejju 2024.
24. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni li qed tiżdied bejn l-UE u l-Liechtenstein fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mill-2011 'l hawn, meta l-Liechtenstein ingħaqad maż-żona Schengen u beda jipparteċipa fis-sistema ta' Dublin. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tajba mal-Liechtenstein dwar il-governanza taż-żona Schengen u japprezza l-impenn affidabbli tal-Liechtenstein għall-applikazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen. Il-Kunsill jistenna b'interess ukoll il-kooperazzjoni mill-qrib tal-Liechtenstein fl-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS. Il-Kunsill ikompli jinkoraġġixxi lil-Liechtenstein biex jissokta bil-parteeipazzjoni tiegħu fil-proċess ta' rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil.

25. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn għall-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet għan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Liechtenstein issieħeb fil-Wegħda Globali mmexxija mill-UE biex jittriplika l-użu tal-enerġija rinnovabbli u biex jirdoppja t-titjib annwali fl-effiċjenza enerġetika sal-2030 fil-COP 28. L-approċċ ġenerali tal-Liechtenstein għas-sostenibbiltà huwa konformi sew mal-Patt Ekoloġiku tal-UE.
26. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva, trasparenti u miftuħa tal-Liechtenstein mal-Unjoni Ewropea, li għandha l-għan li tiżgura li jiġu applikati l-prinċipji u l-kriterji kollha tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-qafas legali stabbilit dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa. Aktar reċentement, l-applikazzjoni tal-Liechtenstein għal sħubija fil-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-parteċipazzjoni fil-kundizzjonijiet ekwi globali fit-taxxi korporattivi (regoli GloBE) huma żviluppi ntlaqgħu tajjeb.

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

27. In-Norveġja hija sieħba mill-qrib, affidabbli u dejjiema tal-UE. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni mill-qrib man-Norveġja f'oqsma bħar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni. L-UE u n-Norveġja jikkooperaw fl-indirizzar ta' ħafna sfidi komuni, bħat-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni ekoloġika, il-migrazzjoni u l-protezzjoni ta' ċittadini tagħna. Matul dawn l-aħħar sentejn, ir-relazzjoni inġenerali baqgħet eċċellenti.
28. Il-Kunsill jilqa' t-tkomplija tal-kooperazzjoni b'saħħitha man-Norveġja fl-oqsma tal-PESK u l-PSDK u japprezza r-rata għolja kontinwa ta' allinjament tan-Norveġja mal-UE fil-qasam tal-PESK. Is-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża li għet konklużi dan l-aħħar man-Norveġja ser tippermetti kooperazzjoni saħansitra aktar mill-qrib.
29. In-Norveġja ssegwi kollaborazzjoni mill-qrib u attiva ħafna mal-UE f'diversi linji ta' ħidma u inizjattivi konġunti kif ukoll djalogu regolari f'livelli differenti dwar kwistjonijiet ewlenin ta' politika barranija, inkluż permezz ta' appoġġ fit-tul tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, il-parteċipazzjoni fi proġetti tal-PESCO u l-Fond Ewropew għad-Difiża (FEŻ). Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Norveġja dwar is-sigurtà u d-difiża komplet tintensifika wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, bin-Norveġja tipparteċipa b'mod partikolari fit-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni (EDIRPA) u l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP). Il-Kunsill jilqa' l-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-Norveġja dwar l-Ukrajna, u jirrikonoxxi l-appoġġ finanzjarju sinifikanti pprovdut min-Norveġja permezz tal-Programm iddedikat ta' Nansen għall-Ukrajna. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Norveġja hija bbażata fuq valuri kondiviżi, b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, u testendi għall-medjazzjoni, il-bini tal-paċi u l-aġenda internazzjonali għall-iżvilupp.

30. L-UE u n-Norveġja jikkondividu sens qawwi ta' responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tagħna, l-ambjent naturali tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri tagħna. Il-Kunsill jilqa' r-rieda ċara tan-Norveġja li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li tkompli tkun forza mexxejja għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-klima, u li taħdem biex tissodisfa l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, flimkien mal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li n-Norveġja nġhaqdet mal-Wegħda Globali mmexxija mill-UE biex tirdoppja t-titjib annwali fl-effiċjenza enerġetika u t-triplika tal-użu tal-enerġija rinnovabbli sal-2030 fil-COP 28. Il-Kunsill jistenna b'interess li jsaħħaħ, permezz tal-Alleanza Ekoloġika bejn l-UE u n-Norveġja, iffirmata f'April 2023, l-isforzi konġunti man-Norveġja biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika kif ukoll it-tranżizzjoni industrijali ekoloġika, jiġifieri dwar il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju u permezz ta' sħubijiet strateġiċi bħas-Sħubija dwar Ktajjen tal-Valur tal-Materja Prima Sostenibbli u l-Batteriji. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib id-deċiżjoni tal-Parlament Norveġiż tad-9 ta' Jannar 2024 dwar l-estrazzjoni minerarja minn qiegħ il-baħar fl-Artiku, u jfakkar fl-impenji internazzjonali li jenfasizzaw proċess ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt ambjentali ta' attivitajiet potenzjali ta' estrazzjoni minerarja.
31. In-Norveġja tibqa' fornitur ewlieni affidabbli taż-żejt u l-gass għall-UE, iżda hija wkoll sieħba mill-qrib fl-iżvilupp ta' sorsi oħra tal-enerġija. F'dan il-kuntest, il-Kunsill iħeġġeġ lin-Norveġja tkompli tiżviluppa l-potenzjal tagħha fl-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, u tipparteċipa bis-siħ f'proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-kooperazzjoni mill-qrib tagħna tibqa' kruċjali għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE u għall-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u hija pedament għar-relazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u n-Norveġja.
32. Il-Politika tal-UE dwar l-Artiku li tiffoka fuq it-tibdil fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni internazzjonali turi l-interess qawwi tal-Unjoni li tibni fuq, u tiżviluppa aktar, l-impenn transsettorjali eżistenti tagħha fl-Artiku. Huwa jilqa' t-tkomplija tal-appoġġ qawwi tan-Norveġja għall-impenn tal-UE fl-Artiku. In-Norveġja hija sieħba mill-qrib u affidabbli dwar kwistjonijiet tal-Artiku u l-Kunsill jistenna b'interess biex ikompli jintensifika din is-sħubija speċjali b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u x-xjenza, l-azzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tat-tniġġis.

33. Il-Kunsill ifaħħar lin-Norveġja għall-presidenza tagħha tal-Kunsill tal-Artiku (Mejju 2023 - Mejju 2025) u jappoġġa bis-sħiħ l-oġettivi tagħha li żżomm lill-Kunsill tal-Artiku rilevanti fil-kuntest attwali tat-tensjonijiet ġeopolitiċi. Huwa jilqa' ż-żamma tal-appoġġ qawwi tan-Norveġja biex l-UE tingħata status ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku u għall-parteċipazzjoni tal-UE f'fora rilevanti bħall-Assemblea taċ-Ċirku Artiku. L-UE u n-Norveġja huma wkoll sħab ewlenin fl-indirizzar tal-kwistjonijiet relatati mal-oċean, kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak reġjonali.
34. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tan-Norveġja bħala waħda mis-sħab kummerċjali prinċipali tal-UE, u jfakkar fir-rieżami regolari mistenni tal-Ftehim bejn in-Norveġja u l-UE li jimmira lejn l-iskambju ta' preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli bażiċi. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress u jtenni bis-sħiħ l-istedina tiegħu lin-Norveġja biex, bħala prijorità u mingħajr dewmien, tinvolvi ruħha b'mod attiv fi proċess ta' negozjar kostruttiv dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti agrikoli proċessati fi ħdan il-qafas tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu biex terġa' tibda n-negozjati dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, li huwa element importanti tal-kummerċ internazzjonali fi prodotti agrikoli u prodotti alimentari.
35. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tajba man-Norveġja dwar il-governanza taż-żona Schengen u japprezza l-impenn affidabbli tagħha għall-applikazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen u dwar l-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS li jmiss. Madankollu, il-Kunsill jiddispjaċih li l-awtoritajiet Norveġiżi jwettqu kontrolli arbitrarji tal-identità fuq passiġġieri li jaslu minn punti ta' qsim tal-fruntiera tal-Istati Membri fuq ċerti linji tal-ajru tal-UE mingħajr analiżi tar-riskju speċifika u lanqas notifika minn qabel lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (ir-Regolament (UE) 2016/399), li mhuwiex konformi mal-Artikolu 2 tal-Protokoll ta' Schengen tal-1985. Il-Kunsill ikompli japprezza l-integrazzjoni b'saħħitha tan-Norveġja fis-sistemi ta' Schengen u ta' Dublin, abbażi tal-kooperazzjoni, is-solidarjetà u l-kontrolli effettivi fil-fruntieri esterni.

36. Il-Kunsill jilqa' l-eżiti pożittivi u l-kooperazzjoni tajba skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru ta' talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud kif ukoll skont il-Kapitolu IIa tal-Protokoll 10 ŻEE dwar miżuri doganali ta' sigurtà.
37. Il-Kunsill jiddeplora n-nuqqas ta' progress f'dawn l-aħħar snin fil-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal u n-nuqqas ta' kooperazzjoni tan-Norveġja fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet li ilhom jeżistu relatati ma' Spitzbergen (inkluż ir-rispett tas-sehem storiku tal-UE tal-merluzz tal-Artiku). Il-Kunsill jiddeplora wkoll l-istabbiliment min-Norveġja ta' kwoti unilaterali u eċċessivi għall-kavalli, u n-nuqqas ta' kooperazzjoni kostruttiva mal-UE fir-rigward tan-negozjati li għaddejjin dwar arranġamenti ġodda ta' kondiviżjoni għall-istokkijiet tal-Istati Kostali, pereżempju billi jitressqu proposti li jħallu l-UE deliberatament barra mill-arranġamenti ta' kondiviżjoni. Il-Kunsill jiddeplora wkoll it-tnaqqis impost fuq l-aċċess tal-flotta tal-UE għall-ilmijiet Norveġiżi għall-istokkijiet tal-Baħar tat-Tramuntana, inkluż tal-aringa Atlanto-Skandjana u n-nuqqas ta' sostanzjar xjentifiku wara l-projbizzjoni ġenerika tas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bit-travu, kif ukoll il-waqfien tas-sajd transfruntier fi Skagerrak. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jilħaq arranġamenti bilaterali u multilaterali li jiżguraw ġestjoni responsabbli, stabbli u sostenibbli tas-sajd fuq riżorsi ewlenin u jappella għall-kooperazzjoni u l-appoġġ tan-Norveġja f'dak ir-rigward.
38. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għaż-żamma tal-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni, stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni (IWC) u għall-elenkar ta' ċetaċċi u speċijiet oħra tal-baħar skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES). Il-Kunsill iħeġġeġ lin-Norveġja biex tneħħi l-oġġezzjoni tagħha għall-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni u biex tirtira r-riżervi tagħha fil-qafas tas-CITES għal dawn l-ispeċijiet u speċijiet oħra tal-baħar.
39. Il-Kunsill jistenna b'interess it-tiżiħ ulterjuri tar-rabtiet bejn l-UE u n-Norveġja, anke lil hinn mill-kooperazzjoni taż-ŻEE. Il-Kunsill ser ikompli jagħti attenzjoni mill-qrib lill-bilanċ ġenerali meħtieġ fir-relazzjonijiet bilaterali tagħna.

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

40. L-2024 timmarka t-30 anniversarju mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ŻEE, mument uniku biex issir riflessjoni dwar il-kontribut tal-kooperazzjoni taż-ŻEE għall-iżvilupp kontinwu, il-prosperità, l-istabbiltà u l-paċi. Iż-ŻEE hija mudell ta' kooperazzjoni bejn sħab mill-qrib u legat għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon l-isforzi li saru biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza u l-appoġġ tal-Ftehim ŻEE fl-avvanz tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-istati taż-ŻEE, fil-bini ta' suq intern aktar reżiljenti u dinamiku u fis-salvagwardja tal-valuri komuni tagħna f'ambjent globali dejjem aktar kumpless.
41. Il-Kunsill jilqa' l-inkorporazzjoni ta' xi biċċiet ta' leġiżlazzjoni importanti ħafna fil-Ftehim ŻEE matul dawn l-aħħar sentejn, bħal-leġiżlazzjoni dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti, ir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), ir-Regolament tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) u l-leġiżlazzjoni relatata, il-Pakkett taċ-Ċibersigurtà, ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq u l-Konformità tal-Prodotti, ir-Regolament tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u l-estensjoni tas-Sistema riveduta tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) għall-avjazzjoni u għall-installazzjoni marittima u stazzjonarja għaż-ŻEE kollha. Il-Kunsill jappella għal aktar sforzi bil-ħsieb tal-implimentazzjoni rapida tal-leġiżlazzjoni pendenti, bħall-Pakkett dwar l-Ikel u l-Għalf Ġenetikament Modifikat, ir-Regolament dwar l-operazzjonijiet li jsiru lil hinn mill-kosta permezz tal-ħelikopters (HOFO), u l-acquis tal-UE rilevanti għaż-ŻEE fl-oqsma tal-enerġija, is-servizzi finanzjarji u l-istatistika.

42. Minkejja l-isforzi kollha, l-għadd ta' atti tal-UE sakemm jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE u t-traspożizzjoni sussegwenti fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, l-hekk imsejjaħ xogħol b'lura, għadu għoli, speċjalment għall-acquis tal-enerġija u fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u l-istatistika. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni li l-prinċipji ta' omoġeneità u ta' ċertezza legali jiggwarantixxu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u fuq kollox il-kredibilità tas-suq intern u għalhekk jeħtieġ li jkomplu jiggwidaw il-partijiet kollha fir-rigward tal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill jappella lill-Istati taż-ŻEE-EFTA biex ikomplu bl-isforzi biex inaqqsu x-xogħol b'lura, inkluż dawk il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni li ilhom jistennew l-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE għal diversi snin, u biex jevitaw li jerġgħu jitfaċċaw fil-futur qrib. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja wkoll li l-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba huma prinċipji ewlenin tal-Ftehim ŻEE.
43. Il-Kunsill jilqa' x-xewqa tal-Istati taż-ŻEE-EFTA li jrawmu kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-UE dwar it-tnejn u r-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa, u jistenna b'interess li jiddiskuti aktar il-parteċipazzjoni tagħhom f'azzjoni komuni għall-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini, abbażi tar-relazzjoni mill-qrib eżistenti tagħna, kemm fil-Ftehim ŻEE kif ukoll lil hinn minnu.
44. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li jista' jintlaħaq ftehim dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu Mejju 2021 - April 2028.
45. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Partijiet Kontraenti għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex tinkiseb liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ fi prodotti agrikoli u, għal dan il-għan, f'intervalli ta' sentejn, għandhom iwettqu rieżamijiet tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ fi prodotti agrikoli, bil-ħsieb li jiġu esplorati konċessjonijiet possibbli u tnaqqis ulterjuri tal-ostakli.

IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA U R-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

46. Il-Kunsill jieħu nota li, fit-12 ta' Diċembru 2023, intlaħaq qbil fil-livell tan-negozjaturi dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma' Andorra u San Marino. Ladarba ljkunu tlestew il-proċeduri kollha, il-Ftehim għandu jipprevedi l-parteċipazzjoni ta' Andorra u San Marino fis-suq intern. Ser jistabbilixxi qafas għall-iżvilupp u l-promozzjoni tad-djalogu u l-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni, bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kultura jew il-kooperazzjoni reġjonali. Għall-Kunsill, dan il-ftehim uniku estensiv ser jiftaħ kapitolu ġdid fir-relazzjonijiet bejn l-UE u Andorra u San Marino, li jqis l-ispeċifità ta' kull pajjiż u s-sitwazzjoni partikolari tagħhom, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill qed iwettaq analiżi fil-fond tat-testi legali bil-ħsieb ta' eżami, iffirmar u konklużjoni f'waqthom tal-Ftehim.
47. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi f'Andorra u San Marino biex jiġi żgurat allinjament rapidu mal-acquis tal-UE, kif ukoll superviżjoni u infurzar robusti f'konformità mal-istandards tal-UE. Jinsab lest li joffri assistenza amministrattiva u teknika għal dan l-għan.
48. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi ta' komunikazzjoni li saru minn Andorra u San Marino dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni biex il-pubbliku jiġi infurmat u kkonsultat dwar l-eżitu tan-negozjati. Il-Kunsill jinsab lest li jassisti fi sforzi addizzjonali ta' komunikazzjoni biex iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati jiffamiljarizzaw ruħhom mal-vantaġġi u l-obbligi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ihegġegħ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex ikomplu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku tagħhom sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsegwenzi ta' benefiċċju reċiproku ta' dan il-Ftehim u biex tinkiseb konverġenza akbar tal-pożizzjonijiet f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

49. Il-Kunsill jappella għal darb'oħra lil Andorra biex tingħaqad mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.
50. Dwar il-politika barranija, il-Kunsill jilqa' l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni ma' Andorra u San Marino f'fora multilaterali b'mod partikolari fil-qafas tan-NU, inkluż permezz ta' kuntatti mill-qrib u allinjament mal-pożizzjonijiet, dikjarazzjonijiet u miżuri restrittivi tal-PESK tal-UE, u jirrikonoxxi r-rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ tiegħu għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' qafas għal djalogi politiċi bilaterali dwar il-politika barranija ma' kull wiehied mill-pajjiżi u proċess strutturat u sistematiku għall-allinjament tagħhom mal-UE dwar kwistjonijiet tal-PESK, b'mod partikolari billi Andorra u San Marino jiġu inklużi fil-grupp ta' pajjiżi li huma sistematikament mistiedna jallinjaw ruħhom formalment mad-Dikjarazzjonijiet tal-PESK mir-Rappreżentant Għoli fisem l-UE u l-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni ta' Andorra u San Marino fil-laqgħat tal-Komunità Politika Ewropea f'Ġunju u Ottubru 2023 u jappoġġa l-parteċipazzjoni futura tagħhom f'dawn il-laqgħat.
51. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva, trasparenti u miftuħa ma' Andorra u San Marino bil-għan li jiġi żgurat li jiġu applikati l-prinċipji internazzjonali dwar il-governanza tajba u l-kriterji kollha tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-isforzi li qed jagħmlu Andorra u San Marino biex jadattaw il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tagħhom fil-qasam tat-taxxa għall-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. Huwa jissottolinja l-ħtieġa għal allinjament sħiħ mal-istandards tal-UE biex jiġi evitat il-ħolqien ta' lakuni fis-suq intern.
52. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi ppreżentati mill-implimentazzjoni tal-EES u l-ETIAS li jmiss fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu f'Andorra u San Marino, u jittama li tinstab soluzzjoni dwar din il-kwistjoni.
53. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u Andorra ffirmaw Ftehim Qafas f'Diċembru 2022, li jippermetti lil Andorra tirċievi appoġġ għal proġetti f'setturi differenti. Il-kooperazzjoni mal-BEI hija mistennija li jkollha impatt qawwi f'termini ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u ġeografika

54. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-konklużjoni pożittiva tal-Kummissjoni Ewropea tar-rieżami tad-deċiżjoni ta' adegwatezza rigward is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data fil-15 ta' Jannar 2024, li tippermetti li d-data tkompli tintbagħat liberament lil Andorra.
55. Il-Kunsill iqis ukoll li jkun utli li l-kooperazzjoni tissaħħaħ fil-qasam tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, peress li dawn huma prijoritajiet komuni ma' Andorra u San Marino.

IL-PRINĊIPAT TA' MONACO

56. Il-Kunsill jieħu nota tad-deċizzjoni li jiġu sospiżi n-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-14 ta' Settembru 2023. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-kundizzjonijiet it-tajba ma kinux preżenti għall-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati. Madankollu, l-UE tibqa' sieħba privileġġata ta' Monaco u din tal-aħħar tibqa' milqugħa biex tissieħeb fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma' Andorra u San Marino.
57. Dwar il-politika barranija, il-Kunsill jilqa' l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni ma' Monaco f'fora multilaterali b'mod partikolari fil-qafas tan-NU, inkluż permezz ta' kuntatti mill-qrib u allinjament mal-pożizzjonijiet, dikjarazzjonijiet u miżuri restrittivi tal-PESK tal-UE, u jirrikonoxxi r-rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill ifakkar fl-appoġġ tiegħu għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' qafas għal djalogi politiċi bilaterali dwar il-politika barranija ma' Monaco u proċess strutturat u sistematiku għall-allinjament tiegħu mal-UE dwar kwistjonijiet tal-PESK, b'mod partikolari billi Monaco jiġi inkluż fil-grupp ta' pajjiżi li huma sistematikament mistiedna jallinjaw formalment mad-Dikjarazzjonijiet tal-PESK mir-Rappreżentant Għoli fisem l-UE u l-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni ta' Monaco fil-laqgħat tal-Komunità Politika Ewropea f'Ġunju u Ottubru 2023 u jappoġġa l-parteċipazzjoni futura tiegħu f'dawn il-laqgħat.
58. Il-Kunsill jilqa' d-dedikazzjoni ta' Monaco għall-protezzjoni ambjentali kif ukoll għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Huwa apprezza li Monaco nqas mal-Wegħda Globali mmexxija mill-UE biex tirdoppja t-titjib annwali fl-effiċjenza enerġetika u t-triplikar tal-użu tal-enerġija rinnovabbli sal-2030 fil-COP 28. Il-Kunsill jilqa' r-ratifika minn Monaco tat-Trattat dwar l-Ibħra Miftuħa, il-"Ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali". Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-oppożizzjoni ta' Monaco għat-tħaffir f'qiegħ il-baħar fond kif imtenni fit-28 sessjoni tal-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar f'Lulju 2023.

59. Il-Kunsill jilqa' l-iżviluppi f'Monaco rigward il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 kontra l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS IF), b'mod aktar speċifiku l-implimentazzjoni adegwata tal-istandard minimu dwar ir-rappurtar pajjiż b'pajjiż. Il-Kunsill ifakkar ukoll fir-rapport Moneyval ta' Jannar 2023 u jħares bi tħassib dwar l-implimentazzjoni tar-raba' u l-ħames direttivi kontra l-ħasil tal-flus (AML) f'Monaco. Ser ikompli jissorvelja mill-qrib jekk l-iżviluppi leġiżlattivi f'Monaco humiex biżżejjed biex jissodisfaw it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u r-rekwiżiti tal-UE. Jistenna b'interess il-konklużjonijiet tal-laqgħa Plenarja tal-FATF mit-23 sat-28 ta' Ġunju 2024, li ser jivvalutaw il-progress li sar minn Monaco sabiex il-qafas tiegħu kontra l-ħasil tal-flus / il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) isir aktar robust u konsegwentement jekk Monaco għandux jiżdied mal-lista tal-FATF ta' Ġurisdizzjonijiet taħt Monitoraġġ Miżjud (jiġifieri "il-lista griża").
60. Il-Kunsill jappella għal darb'oħra lil Monaco biex jingħaqad mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Il-Kunsill jappella wkoll lil Monaco biex jirratifika u jimplimenta l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Qorti.

IL-GŻEJJER FAEROE

47. Il-Kunsill iqis li l-pożizzjoni strateġika tal-Gżejjer Faeroe fl-Atlantiku tat-Tramuntana tagħmel il-Gżejjer Faeroe sieħeb importanti tal-UE fir-rigward ta' diversi politiki tal-UE, inkluż il-Politika tal-UE dwar l-Artiku. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni eżistenti mal-Gżejjer Faeroe f'oqsma bħall-kummerċ, l-akkwakultura, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kwistjonijiet tal-Artiku u tal-Atlantiku tat-Tramuntana fi ħdan l-oqsma ta' kompetenzi tal-Partijiet.
48. Il-Kunsill jilqa' l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil dwar kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe fl-14 ta' Marzu 2024. Huwa jinnota l-prijoritajiet ewlenin elenkati f'dan il-Memorandum ta' Qbil, b'mod partikolari l-enfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, it-tibdil fil-klima u l-kooperazzjoni xjentifika. Il-Kunsill jinnota wkoll l-enfasi fuq l-importanza ta' relazzjonijiet kummerċjali bbilanċjati u ġestjoni sostenibbli tas-sajd.

49. Il-Kunsill jissottolinja t-tħassib tiegħu rigward ir-riskju għas-sostenibbiltà ta' stokkijiet importanti tal-ħut bħall-kavalli u l-aringa Atlantu-Skandjana minħabba l-istabbiliment ta' kwoti unilaterali għolja u eċċessivi u jiddeplora n-nuqqas ta' kollaborazzjoni kostruttiva mal-UE fin-negozjati tal-istati kostali dwar dawn l-istokkijiet. Il-Kunsill jappella lill-Gżejjer Faeroe biex jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-UE permezz tal-qafas tal-istati kostali biex jiġu żgurati arranġamenti ta' kondiviżjoni ekwa li ser jappoġġaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli ta' stokkijiet kondiviżi fil-Grigal tal-Atlantiku (kavalli, aringi Atlantu-Skandjani u stokkafixx).
50. Il-Kunsill jilqa' l-kundanna mill-Gżejjer Faeroe tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll id-deċiżjoni tal-Gżejjer Faeroe li jallinjaw ruħhom mal-miżuri restrittivi tal-UE. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Gżejjer Faeroe biex jaħdmu lejn implimentazzjoni ulterjuri tal-miżuri restrittivi sabiex jiġi żgurat allinjament kontinwu.
-